MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Numru. 562/2009

Il-Pulizija
(Sp Fabian Fleri)
vs
Larsin Cauchi, iben Christopher, imwiledPieta’ fis-26 ta’ Jannar, 1992

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u liema atti ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda:
Talli bejn l-1 ta’ Marzu, 2009 u it-3 ta’ Ġunju, 2009, minn ġewwa Scots Supermarket li jinsab fi Triq il-Mina ta’ Hompesch, Żabbar ikkometta serq ta’ diversi prodotti u affarijiet li l-valur tagħhom jeċċedi €2,329.40 g]ad-dannu ta’ l-imsemmi supermarket, liema serq hu kkwalifkat bil-valur u bil-persuna.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Novembru, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 261(ċ)(d), 267, 268(a), 279(b) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali.  Rat il-fedina penali netta, il-fatt li l-imputat hu minuri, l-ammisjoni bikrija u il-kollaborazzjoni mal-pulizija.  Tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija.  Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mil-lum.  Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikoli 383 et seq. u l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------